## Il-*Pine Wood Nematode*

Il- '*Pine Wood Nematode*', magħruf bl-isem xjentifiku ta' *Bursaphelenchus xylophilus*, huwa organiżmu mikroskopiku li jikkawża l-'*Pine Wilt Disease*'. Prinċiparjament dan jinstab fuq speċi ta' *Pinus*. L-injam ta' dawn l-ispeċi ta' siġar koniferi jista' jservi għall-iżvilupp ta' dan in-'*nematode*'.

L-ewwel sintomi li jkunu evidenti fuq siġar affetwati minn din il-marda jinkludu sfurija u jitbiel il-weraq, li eventwalment iwassal għall-mewt tas-siġra. It-tbiel jista' l-ewwel jidher fuq fergħa waħda biss iżda aktar tard tista' tiġi affetwata s-siġra kollha.

L-oriġini ta' dan in-'*nematode*' hija l-Amerika ta' Fuq, minn pajjiżi bħal Messiku, Stati Uniti u l-Kanada. Hija wkoll magħrufa bħala marda kiefra fil-foresti tal-Ġappun minn fejn infirex għal ġoċ-Ċina, Korea u Taiwan. Fl-1999 il-'*Pine Wood Nematode*' instab fil-Portugall, u riċenti din is-sena nstab ukoll fi Spanja.





Il- *Pine wood nematode*, u l-ħsara kkawżata fuq siġra taż-żnuber.
Sors: http://www.fao.org/forestry/30648/en/

Id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti ta' kull sena jagħmel surveys għall- *Pine Wood Nematode*' fuq siġar suxxettibli għal din il-marda, u anke fuq injam li ġej minn pajjiżi fejn jinstab dan in-*nematode*.

Dan sabiex jiġi aċċertat li dan l-organiżmu qerriedi huwa assenti mill-Gżejjer Maltin, biex b'hekk jiġu salvagwardjati l-ftit imsaġar koniferi li għandna f'pajjiżna.

## Il- *Brown Citrus Aphid*

Il-*Brown Citrus Aphid* (*Toxoptera citricida*), huwa wieħed mill-iktar insetti li jagħmel ħsara lis-siġar taċ-ċitru madwar id-dinja, l-iktar minħabba l-fatt li huwa vettur effiċjenti li jitrażmetti l-marda tat-Tristeża taċ-Ċitru (Citrus Tristeza Virus), marda serja taċ-ċitru, minn siġra għal oħra.

Minħabba li dan l-insett stabbilixxa ruħu f'diversi postijiet madwar id-dinja li għandhom klima mediterranja, għandu l-potenzjal li jidħol f'pajjiżi mediterranji. Minn *surveys* li jsiru mid-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti, dan l-insett ma jinsabx ġewwa Malta. Jekk jiġi introdott f'pajjiżna, ikollna problemi ekonomiċi fit-tkabbir taċ-ċitru. Huwa għalhekk li jsiru *surveys* kull sena, kemm għall-virus kif ukoll għall-vetturi (l-afidi).



Il-*Brown Citrus Aphid*
Sors: http://creatures.ifas.ufl.edu/citrus/BCA-PIC1.htm

***Din l-informazzjoni hija korretta sa Mejju 2009***


**Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti**

Ċentru għall-Bijoteknoloġija tal-Pjanti
Triq Annibale Preca,
Lija LJA 1915

Tel: +356 2339 7100/223
Fax: +356 21414493
Freephone: 8007 2310
www.planthealth.gov.mt
www.mrra.gov.mt


# DIPARTIMENT GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI
# MRRA

## ORGANIŻMI TA' PERIKLU JEKK JIDĦLU MALTA




Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Fondi ta' l-Unjoni Ewropeja Għall- Iżvilupp Rurali, l-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali.

Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea

# Organiżmi ta' periklu jekk jidħlu Malta

## Il-Ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru *(Citrus Longhorned Beetle)*

Il-Ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru, bl-Ingliż, *Citrus Longhorn Beetle* (*Anoplophora chinensis*) huwa insett qerriedi ta' kwarantina li jagħmel ħsara fuq numru ta' speċi differenti ta' siġar u arbuxelli.

B'mod naturali, din il-ħanfusa tgħix f'postijiet li jinkludu ċ-Ċina, l-Ġappun, u postijiet oħra fix-Xlokk ta' l-Asja. Il-Ħanfus tal-Qrun Twil taċ-Ċitru qiegħed jinfirex f'diversi pajjiżi fuq siġar ornamentali impurtati mill-Asja.

Dan l-insett huwa ta' theddida għal diversi foresti u għall-produzzjoni taċ-ċitru fil-Mediterran. Ta' min jgħid li ġewwa l-Lombardia, fl-Italja, kien hemm firxa ta' din il-ħanfusa, u mijiet ta' siġar maturi kellhom jinqerdu bħala miżura għall-qerda ta' dan l-insett.



Il-Ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru adulta.
Sors: www.defra.gov.uk/planth/ph.htm

Għalkemm din il-ħanfusa ma tinstabx ġewwa pajjiżna, id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti qiegħed jagħmel ispezzjonijiet għal dan l-insett, biex jara li dan l-insett ma jiġix introdott ġewwa Malta, jew f'każ li jidħol b'mod aċċidentali, jittieħdu l-miżuri neċessarji minn kmieni għall-kontroll tal-firxa tiegħu.



Il-larva tal-Ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru
Sors: www.defra.gov.uk/planth/ph.htm

## Il-Ħanfusa tal-Kolorado *(Colorado potato beetle)*

Il-Ħanfusa tal-Kolorado (*Colorado potato beetle*), magħrufa bl-isem xjentifiku ta' *Leptinotarsa decemlineata*, hija insett qerriedi li tagħmel ħafna ħsara fuq uċuħ miżrugħa bil-patata, imma tista' tgħix ukoll fuq ħxejjex oħra bħal tadam u brunġiel.

Sal-bidu tas-seklu li għadda, dan l-insett kien jgħix biss fl-Amerika Ċentrali, imma nfirex sewwa u llum insibuh fil-parti l-kbira ta' l-Ewropa. Minn *surveys* li jsiru kull sena mid-Dipartiment tas-Saħħa tal-pjanti, b'xorti tajba nafu li dan l-insett s'issa qatt ma nstab ġewwa l-gżejjer Maltin.

Il-Ħanfusa tal-Kolorado hija l-iktar insett li jagħmel ħsara fuq il-patata. Barra minn hekk, din il-ħanfusa hija wkoll magħrufa għall-kapaċita' tagħha li tiżviluppa reżistenza għall-insettiċidi f'qasir zmien, speċjalment jekk dawn jintużaw b'mod ripetut. Din hija problema serja fil-pajjiżi fejn hemm preżenti dan l-insett. Huwa għalhekk li d-Dipartiment għas-Saħħa tal-pjanti ta' kull sena jagħmel surveys għal dan l-insett, għaliex jekk jidħol ġewwa Malta jista' jkollna konsegwenzi koroh.



Il-Ħanfusa tal-Kolorado adulta
Sors: http://www.ca.uky.edu/entomology/entfacts/ef312.asp

Minħabba l-fatt li din il-ħanfusa ma tinsabx f'pajjiżna, Malta hija ddikjarata mill-Unjoni Ewropea bħala 'Żona Protetta mill-Ħanfusa tal-Kolorado' (*Colorado Beetle Protected Zone*). Il-vantaġġ ta' dan huwa li meta l-patata tiġi esportata, Malta tista' tiddikjara li hija ħielsa minn dan l-insett, u dan jagħmel il-patata ta' Malta iktar kompetittiva.